# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 311/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Michael Joseph Berry**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Michael Joseph Berry**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 354505(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Marzu 2019 għall-ħabta tas-02:10am u fil-ħin ta' qabel bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBA 304 ġewwa l-Gżejjer Maltin:

1. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;

2. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;

3. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont;

4. saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

5. naqas jew irrifjuta li jagħti skont il-liġi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta' l-urina.

Il/-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3), 15A(1) u 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjoni, sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa komplessiva ta' elf u tmien mitt Euro (€1800) liema multa kellha titħallas b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ratealment fuq medda ta' sitta u tletin (36) xahar permezz ta' pagamenti mensili ta' ħamsin Euro-il wieħed (€50) b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor. *In oltre*, l-Ewwel Qorti skwalifikat lill-imputat milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur u tmint (8) ijiem u *ai termini* ta' Regolament 78 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta ordnatlu sabiex immedjatament jgħaddi l-liċenzja lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta. *Ai termini* ta' Artikolu 36B u s-Sitt Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti imponiet penali ta' sitt (6) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat, liema punti ġie ordnat li jitniżżlu fuq id-*database* kompjuterizzata

miżmuma għal dan il-għan mill-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi: (a) tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni; (b) tħassar u tirrevoka s-sejbien ta' ħtija taħt l-ewwel, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u tilliberah minnhom u minn kull ħtija skont il-liġi; (ċ) alternattivament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant u tnaqqas il-piena lilu nflitta taħt l-ewwel, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, għal piena oħra inqas skont il-liġi kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-25 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant Michael Joseph Berry in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Ottubru 2019.

Illi qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fl-affidavit tiegħu **PC 1405 Dylan Gerada** (*a fol.* 2) jgħid li dakinhar tat-23 ta' Marzu 2019 għall-ħabta tas-2.15am l-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun ġew infurmati mill-*Control Room* li ġewwa t-Triq tal-Barrani direzzjoni lejn iż-Żejtun kien hemm vettura maħbuta f'ħajt u possibbilment b'xi persuna jew persuni feriti. Jispjega li l-Pulizija marru fuq il-post tal-inċident fejn ġie mitkellem l-appellant. Jgħid li l-Pulizija setgħet tinnota stat ta' sokor kbir kif ukoll riħa ta' alkoħol qawwija fuq il-persuna tal-appellant. Jgħid li l-appellant ġie mistoqsi jgħid jekk riedx jagħmel il-*breathalyser test* liema test l-appellant irrifjuta li jagħmel. Jgħid li l-appellant iffirma irċevuta dwar dan.

  In <u>kontro-eżami</u> (*a fol.* 16 *et seq.*) ikkonferma li kien wasal rapport mill-*Control Room* u sab lill-appellant fuq il-post. Jgħid li ma kien hemm ħadd aktar fuq il-post u li nġieb trakk biex setgħet tiġi ttowjata l-vettura peress li kellha ħsara kbira. Jgħid li dak il-ħin l-appellant kien mitluq mal-vettura. Jgħid li bdew jgħidu li l-appellant kien fis-sakra għax meta beda jkellimhom ilsienu beda jeħel. Jgħid li mar iġib il-*breathalyser* mill-Għassa iżda l-appellant irrifjuta li jagħmel it-test relattiv.

- Fl-affidavit ta' **PS 639 Jean-Mar Mangion** (*a fol.* 3) qal li mar fuq il-post tal-inċident flimkien ma' PC 1405 Gerada wara li ġew infurmati li kien seħħ inċident. Jgħid li seta' jiġi nnutat stat ta' sokor kbir kif ukoll riħa ta' alkoħol qawwija fuq il-persuna tal-appellant u peress li ġie suspettat li l-appellant kien qiegħed taħt l-effett tal-alkoħol, huwa ġie mistoqsi jekk riedx jagħmel il-*breathalyser test* iżda huwa rrifjuta. In <u>kontro-eżami</u> (*a fol.* 14 *et seq.*) huwa kkonferma li kienu ġew

> infurmati mill-*Control Room* għall-ħabta tas-2.15am u li kienu fuq il-post tal-inċident fi ftit minuti. Jgħid li fuq il-post sabu l-vettura maħbuta.

Illi huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa li ma nġiebet ebda prova li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu ġew kommessi fit-23 ta' Marzu 2019. Jisħaq li tirriżulta inċertezza fid-data u fil-ħin tal-allegat akkadut. Jgħid li d-data tinsab fl-affidavits ta' PC 1405 Dylan Gerada u ta' PS 639 Jean-Mar Mangion u skont l-istess

affidavits, l-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun kienet infurmata li ġewwa Triq tal-Barrani, direzzjoni lejn iż-Żejtun, kien hemm vettura maħbuta f'ħajt għall-ħabta tas-2.15am. Jargumenta li l-unika prova li tressqet kienet ta' meta kien rappurtat l-inċident u mhux meta effettivament sar. Jgħid li l-Qrati tagħna jgħidu li mhux id-data biss għandha tkun preċiża iżda wkoll il-ħin li fih sar l-inċident u jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza.

Illi dwar dan l-ewwel aggravju din il-Qorti tinnota li mill-provi prodotti jirriżulta li r-rapport mill-*Control Room* wasal fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun għall-ħabta tas-2.15am tat-23 ta' Marzu 2019. Fiċ-ċitazzjoni hemm imniżżel *"għal ħabta ta' 02:10hrs u fil-ħin ta' qabel"'* u dan ifisser li l-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni mhux limitat għat-23 ta' Marzu 2019 biss imma jkopri wkoll *"il-ħin ta' qabel"*. Għalhekk qalet sew l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata saħqet is-segwenti (*a fol.* 18ċ): *"Fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Prosekuzzjoni kienet għaqlija illi indikat fiċ-ċitazzjoni illi l-allegat reati seħħew jew fil-ħin indikat jew "fil-ħin ta' qabel""*.

Illi *"fil-ħin ta' qabel"* huwa wiesgħa biżżejjed biex ikopru wkoll ħin aktar qabel mis-2.15am tat-23 ta' Marzu 2019. Għandu jingħad li r-riferenza li għamlet id-difiża għall-ġurisprudenza dwar fejn minflok "am" intuża "pm" jew viċe-versa mhumiex applikabbli għall-każ in kwistjoni. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li ż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post tal-inċident, it-tnejn li huma qalu li marru fuq il-post hekk kif daħal ir-rapport fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun li mhijiex daqstant il-bogħod minn fejn seħħ l-akkadut u di fatti huma waslu fuq il-post ftit tal-ħin wara li daħal ir-rapport. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jgħid li ma nġabitx prova tas-sokor tiegħu. Jgħid li m'hemmx riżultat tal-*breathalyser test* għaliex hu rrifjuta li jagħmel dan u b'hekk ma tiskattax il-preżunzjoni ta' Artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li hu kien soġġett għal *roadside test* u mhux it-

test kontemplat f'Artikolu 15E tal-Kapitolu msemmi. Jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza u jisħaq li ġialadarba hu kien mitlub jagħti biss *roadside test*, ir-rifjut da parti tiegħu seta' jwassal biss għall-arrest u mhux għar-reat ikkontemplat f'Artikolu 15E. Jisħaq li ladarba l-ħames (5) imputazzjoni ma tirriżultax lanqas tirriżulta r-raba' (4) imputazzjoni.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li ż-żewġ Pulizija li marru fuq il-post ftit minuti wara li waslet l-informazzjoni mill-*Control Room*, it-tnejn stqarrew fl-affidavit rispettiv tagħhom li l-appellant kellu riħa ta' alkoħol qawwija fuq il-persuna tiegħu u nnutaw stat ta' sokor u ssuspettaw li l-appellant kien qiegħed taħt l-effett tal-alkoħol tant li fil-kontro-eżami tiegħu, PC 1405 Dylan Gerada qal: *"Fil-fatt aħna minn dak il-ħin aħna bdejna ngħidu li jista' jkun fis-sakra għax anki kif beda jkellimna ilsienu beda jeħel"* (*a fol.* 17). Kien għal dawn ir-raġunijiet li ngħad lill-appellant biex jieħu l-*breathalyser test*. Din il-Qorti tinnota li dan kollu u kif ukoll il-fatt li l-vettura kienet maħbuta fil-ħajt fejn jingħad li l-appellant tilef il-kontroll tal-vettura huma kollha provi ċirkostanzjali iżda b'daqshekk ma jfissirx li għandhom ikunu skartati jew li ma jagħmlux prova kontra l-appellant. Il-fatt li l-appellant ma għamilx il-*breathalyser test* ma jfissirx awtomatikament li ma hemmx prova li hu kien qed isuq vettura fi triq pubblika meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba f'xorb. In fatti dan kollu jwassal lil din il-Qorti għal konklużjoni li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi dwar il-ħames (5) imputazzjoni li hija dwar ir-rifjut tal-appellant li jagħti kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew tal-urina għandu jingħad li skont il-provi mressqa l-appellant irrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs meta kien fit-triq u mhux meta kien fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija (jew fl-Għassa tal-Pulizija). Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Sciberras** (Numru 279/2000) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fuq dawn il-fatti l-ewwel qorti ma setgħetx legalment issib lil Sciberras ħati tar-reat kontemplat fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 15E tal-Kap. 65, u dan għal raġuni waħda u sempliċi. Il-liġi tiddistingwi bejn kampjun tan-nifs li jista' jintalab li jingħata għall-finijiet ta' **test** tan-nifs (Art. 15Ċ), u ż-żewġ kampjuni li jistgħu jintalbu li jingħataw għall-finijiet ta' l-**analiżi** permezz ta' strument approvat (Art. 15E(1)(a)). Huwa biss jekk wieħed jirrifjuta jew jonqos milli jagħti wieħed jew aktar minn dawn iż-żewġ kampjuni (ċioè għall-finijiet tal-analiżi permess ta' strument approvat) li wieħed ikun qed jikkommetti r-reat kontemplat fl-imsemmi subartikolu (4) tal-Artikolu 15E. Dan huwa ċar mill-kliem adoperati fl-imsemmi subartikolu: "Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun kif maħsub taħt dan l-artikolu [u mhux ukoll taħt l-Artikolu 15Ċ] tkun ħatja ta' reat…". Persuna li tirrifjuta li tagħti n-nifs għall-finijiet tat-test tan-nifs, jiġifieri għall-finijiet ta' dak li komunement jissejjaħ ir-*roadside test* (ara d-definizzjoni ta' "test tan-nifs" fl-Artikolu 15I(1)) tkun soġġetta li tiġi arrestata taħt l-Artikolu 15D (basta li tkun ingħatat it-twissija imsemmija fil-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 15D), meħuda d-Depot tal-Pulizija, u biss jekk hemm, ċioè fid-Depot, tibqa' tirrifjuta jew tonqos milli tagħti n-nifs kif meħtieġ għall-analiżi, u mingħajr raġuni valida skont il-liġi, tkun ħatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4)."

Illi għalhekk, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju sakemm dan għandu x'jaqsam mar-raba' (4) imputazzjoni iżda qed tilqgħu sakemm dan għandu x'jaqsam mal-ħames (5) imputazzjoni li minnha l-appellant ser ikun liberat. Għal kull buon fini jiġi nnutat li fir-rigward tal-piena għall-ewwel (1) u għall-ħames (5) imputazzjoni, l-Ewwel Qorti qalet li dawn: *"għandhom jiġu assorbiti fil-piena għar-reat li joħroġ mir-raba' akkuża"* (*a fol.* 18d).

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa li ma hemmx prova ta' sewqan traskurat. Jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fejn intqal li persuna jista' jkollha riħa ta' xorb imma b'daqshekk ma jfissirx li ma kinitx f'kundizzjoni li ssuq.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** (Numru 362/2006) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Kif ġie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:
>
> > "Sewqan traskurat (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. [...]"
>
> U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deċiż fid-19 ta' Frar 2004:
>
> > "[...] Inveċe sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** [Vol. XLIV iv. 892])"."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak hawn fuq ċċitat u meħud ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li mill-provi prodotti jirriżulta li l-

appellant kien qed isuq meta kellu riħa ta' xorb qawwija fuqu tant li tilef il-kontroll tal-vettura li spiċċat maħbuta f'ħajt, din il-Qorti ma għandha ebda dubju li l-appellant kien qed isuq meta huwa ma kienx f'kundizzjoni minħabba x-xorb u b'hekk isegwi li s-sewqan tiegħu kien wieħed traskurat. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Michael Joseph Berry u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ħames (5) imputazzjoni u minflok tiddikjara li l-appellant mhux ħati tagħha u tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elf u tmien mitt Euro (€1800), liema multa tista' titħallas b'rati mensili ta' ħamsin Euro (€50) il-wieħed b'dan illi għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet imposti mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward jekk l-appellant jonqos li jħallas xi pagament;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie skwalifikat milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur u tmint (8) ijiem b'dan illi jiġi speċifikat li dan iż-żmien jibda għaddej minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie ordnat sabiex immedjatament jgħaddi l-liċenzja tiegħu lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn imponiet penali ta' sitt (6) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-appellant, liema punti ġie ordnat li jitniżżlu fuq id-*database* kompjuterizzata miżmuma għal dan il-għan mill-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**